MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Talba Numru. 564/2013

**Mobisle Communications Limited**

**C 24655**

**Vs**

**Alessandro Focardi**

**ID 61627A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' Settembru, 2013 illi 'l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u hamsa u erbghin ewro u hames centezmi (€1,845.05) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40168642 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 - propett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 - estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi ‘l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ‘ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-4 ta' April, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-4 ta' April, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elf tmien mija u hamsa u erbghin ewro u hames centezmi (€1,845.05) bl-imghax legali, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal- konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------